MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 926/2003

**Reuben Grech**

**Vs**

**Alfred Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Mejju, 2003 mill-attur fejn intalab l-ammont ta' Lm439.49 (erbgha mija u disa' u tletin lira maltin u disa' u erbghin centezmu) bhala danni rapprezentanti hsarat imgarrba nsegwitu ghall-incident tat-traffiku.**

**L-attur qed talab sabiex jithallsu d-danni ta' erba' mija u disgha u tletin lira maltin u disa' u erbghin centezmu (Lm439.49) rapprezentanti hsarat imgarrba mill-attur nsegwitu ghall-incident tat-traffiku li sehh nhar is-27 ta' Jannar, 2002 fi Triq il-Wied, Birkirkara wara li Alfred Vella kien qed isuq il-vettura TOW 164**

**tat-tip Ford u habat gol-vettura tal-attur FBB 771 tat-tip Mazda 121 u dan kollu minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-istess Alfred Vella.**

**Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji datati 27 ta' Marzu, 2002, 5 ta' Gunju, 2002, 1 ta' Lulju, 2003 u l-ittra ufficjali datata 23 ta' Awwissu, 2002 bl-imghax legali li jibda jiddebita' mid-data tan-notifika tal-istess kontra l-konvenut, li jibqa' ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa' ma pprezentax risposta.**

**Sema' lill-attur jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u l-konvenut jhallas l-ammont ta' Lm439.49 (erbgha mija u disa' u tletin lira maltin u disa' u erbghin centenzmu) rapparezentanti hsarat mgarrba f'incident tat-traffiku, bl-ispejjes u nteressi kif mitluba kontra l-istess konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------